DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 118/2007

tat-28 ta' Settembru 2007

li temenda l-Anness XIII (It-Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 91/2007 tas-6 ta' Lulju 2007 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 414/2007 tat-13 ta' Marzu 2007 dwar il-linji gwida tekniċi għall-ippjanar, l-implimentazzjoni u l-funzjonament operattiv tas-servizzi ta' informazzjoni tax-xmajjar (RIS) dwar ir-rotot navigabbli interni fil-Komunità ([2]) għandu jiġi integrat fil-Ftehim.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 415/2007 tat-13 ta' Marzu 2007 dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi applikabbli għas-sistemi ta' traċċar u monitoraġġ tal-bastimenti msemmija fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2005/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar servizzi ta' informazzjoni tax-xmajjar armonizzati (RIS) li jirrigwardaw ir-rotot navigabbli interni fil-Komunità ([3]) għandu jiġi integrat fil-Ftehim.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 416/2007 tat-22 ta' Marzu 2007 dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi applikabbli għall-Avviżi lill-Kaptani msemmija fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2005/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar servizzi ta' informazzjoni tax-xmajjar armonizzati (RIS) li jirrigwardaw ir-rotot navigabbli interni fil-Komunità ([4]) għandu jiġi integrat fil-Ftehim.

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punti li ġejjin għandhom jiddaħħlu wara l-punt 49a (id-Direttiva 2005/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) fl-Anness XIII tal-Ftehim:

"49aa. **32007 R 0414**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 414/2007 tat-13 ta' Marzu 2007 dwar il-linji gwida tekniċi għall-ippjanar, l-implimentazzjoni u l-funzjonament operattiv tas-servizzi ta' informazzjoni tax-xmajjar (RIS) imsemmija fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2005/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar servizzi ta' informazzjoni tax-xmajjar armonizzati (RIS) li jirrigwardaw ir-rotot navigabbli interni fil-Komunità (ĠU L 105, 23.4.2007, p. 1).

49ab. **32007 R 0415**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 415/2007 tat-13 ta' Marzu 2007 dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi applikabbli għas-sistemi ta' traċċar u monitoraġġ tal-bastimenti msemmija fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2005/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar servizzi ta' informazzjoni tax-xmajjar armonizzati (RIS) li jirrigwardaw ir-rotot navigabbli interni fil-Komunità (ĠU L 105, 23.4.2007, p. 35).

49ac. **32007 R 0416**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 416/2007 tat-22 ta' Marzu 2007 dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi applikabbli għall-Avviżi lill-Kaptani msemmija fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2005/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar servizzi armonizzati ta' informazzjoni tax-xmajjar (RIS) li jirrigwardaw ir-rotot navigabbli interni fil-Komunità (ĠU L 105, 23.4.2007, p. 88)."

([1]) ĠU L 328, 13.12.2007, p. 40.
([2]) ĠU L 105, 23.4.2007, p. 1.
([3]) ĠU L 105, 23.4.2007, p. 35.
([4]) ĠU L 105, 23.4.2007, p. 88.

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti (KE) Nri 414/2007, 415/2007 u 416/2007 bl-Iżlandiż u bin-Norveġiż, li għandhom jiġu ppublikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-29 ta' Settembru 2007, sakemm ikunu ntbagħtu n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Settembru 2007.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Stefán Haukur JÓHANNESSON

(*) Ebda rekwiżiti kostituzzjonali mhuma indikati.